KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa urġenti tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 331**

**Il-Ħamis, 9 ta' Frar 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' b'urġenza fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fit-tmienja ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Is-Sur Julian Borg– Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

**Minuti**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**331.1 Proposta ta' żvillupp ta' *shooting range* viċin iz-zona ta' Kirċippu**

331.1.1 Is-Sindku qal li l-laqgħa b'urġenza kienet meħtieġa peress li nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 jagħlaq il-perjodu li fih jistgħu jiġu ppreżentati oġġezzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar din il-proposta ta' żvilupp ta' *shooting range* viċin iz-zona ta' Kirċippu.

Is-Sindku ressaq mozzjoni li taqra hekk:

Illi l-Awtorità tal-Ippjanar irċeviet applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA 07829/16 deskritta mill-applikant bħala "*Conversion of disused quarry into a shooting range facility. Development at Level 0 includes provision for 73 car spaces and construction of club house for members and classroom for tuition, at Level -1 construction of store and at Level -2 construction of store plus four shooting bays*" f'sit indikat mill-applikant bħala barriera li m'għadhiex tintuża fi Triq tal-Għaqba magħrufa wkoll bħala Bur il-Għaqba, liema sit wieħed jasal għalih minn Triq ta' Bur ix-Xewk, fil-limiti tas-Siġġiewi;

Illi l-imsemmi sit jinsab f'distanza ta' anqas minn 300 metru 'il bogħod mir-residenzi diġà eżistenti fiz-zona Ta' Kirċippu fis-Siġġiewi;

Illi nhar it-Tlieta 7 ta' Frar 2016 il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi organizza laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika għar-residenti taz-zona Ta' Kirċippu u li matulha l-applikant ġie mogħti l-opportunità li jagħmel preżentazzjoni dwar l-iżvilupp propost kif ukoll iwieġeb għall-mistoqsijiet tar-residenti u tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi;

Illi waqt l-imsemmija laqgħa kienu diversi r-residenti taz-zona Ta' Kirċippu li esprimew it-tħassib u ressqu l-oġġezzjoni tagħhom għall-imsemmi żvilupp propost fost oħrajn dwar storbju mill-isparar u żieda fit-traffiku fiz-zona residenzjali Ta' Kirċippu;

Illi waqt l-imsemmija laqgħa irriżulta wkoll li ma tista' tingħata l-ebda garanzija li l-ħsejjes mill-isparar fix-*shooting range* mhux ser ikunu jinstemgħu mid-djar taz-zona Ta' Kirċippu jew li mhux ser ikun ta' inkonvenjent għar-residenti ta' din l-istess zona;

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' illum il-Ħamis 9 ta' Frar 2017:

Jirriżolvi li joġġezzjona mal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-iżvilupp propost fl-applikazzjonijiet li għandha n-numru ta' referenza PA 07829/16 deskritta mill-applikant bħala "*Conversion of disused quarry into a shooting range facility. Development at Level 0 includes provision for 73 car spaces and construction of club house for members and classroom for tuition, at Level -1 construction of store and at Level -2 construction of store plus four shooting bays*" f'sit indikat mill-applikant bħala barriera li m'għadhiex tintuża fi Triq tal-Għaqba magħrufa wkoll bħala Bur il-Għaqba, fil-limiti

tas-Siġġiewi, liema sit wieħed jasal għalih minn Triq ta' Bur ix-Xewk u li jinsab viċin iz-zona residenzjali Ta' Kirċippu fis-Siġġiewi, għal dawn ir-raġunijiet:

1. L-iżvilupp propost ser jikkawża ħsejjes li jkunu ta' detriment għar-residenti taz-zona Ta' Kirċippu li d-djar tagħhom jinsabu viċin ħafna tas-sit fejn qiegħed jiġi propost li jinbena x-*shooting range*.

2. L-iżvilupp propost ser jikkawża żieda konsiderevoli fin-numru ta' vetturi li jgħaddu miz-zona Ta' Kirċippu jew li jipparkjaw fiz-zona Ta' Kirċippu biex jaslu għax-*shooting range* propost u dan b'detriment għall-kwalità tal-ħajja tar-residenti tal-istess zona; u

3. L-iżvilupp propost ser iwassal biex iz-zona tal-madwar tinbidel f'waħda li fiha jibdew jitħallew isiru żviluppi li huma ta' natura industrijali u/jew li huma għal kollox inkompatibbli mal-ambjent rurali eżistenti.

Jirriżolvi wkoll li jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa kontra l-imsemmi żvilupp propost, inkluż iżda mhux biss, billi jagħmel rappreżentazzjonijiet ulterjuri, jippreżenta appell mid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar u jadotta kwalunkwe proċedura oħra li tipprovdi l-liġi f'każ li l-applikazzjoni tiġi aċċettata u jinħareġ permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tiġi ppubblikata bħal stqarrija għall-mezzi tax-xandir, tintbagħat lill-Awtorità tal-Ippjanar, lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, lill-Ministru responsabbli mill-Ambjent u lir-residenti taz-zona Ta' Kirċippu fis-Siġġiewi.

Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit issekondat il-mozzjoni u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**331.2 Proposta ta' żvilupp ta' kamra tan-nar f'Ta Kandja**

331.2.1 Is-Sindku qal hu u s-Sindku tal-Imqabba kienu tkellmu dwar proposta ta' żvilupp ta' kamra tan-nar f'Ta' Kandja li kienet qegħda ssir minn persuna privata f'art li tinsab bejn żewġ kmamar tan-nar li diġà huma eżistenti.

Is-Sindku qal li dan il-proġett jista' jkollu diversi konsegwenzi negattivi fosthom joħloq periklu kbir għaż-żewġ kmamar tan-nar li diġà huma eżistenti u għaldaqstant ippropona li l-Kunsill jieħu pożizzjoni u jistqarr ruħu pubblikament kontra dan l-iżvilupp qabel ma titressaq l-applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.

Il-Kunsillier Domenic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**331.3 Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-*upgrading* tal-*petrol station* fi Pjazza San Nikola**

331.3.1 Is-Sindku qal li quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar tinsab pendenti applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA 04632/15 għal r*efurbishment* tal-pompa tal-*petrol* li tinsab fi Pajzza San Nikola. Dan l-*upgrading* jikkonsisti fi bdil tat-tankijiet eżistenti, żieda ta' pompa u xogħol ta' manutenzjoni,

inkluż installazzjoni ta' *gutter*.

Is-Sindku ippropona li fir-rigward ta' din l-applikazzjoni jadotta din il-pożizzjoni uffiċjali:

1. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jqis is-servizz offrut mill-imsemmija *petrol station* bħala essenzjali għall-komunità tas-Siġġiewi u jista' jikkonferma li l-ħtieġa li tali *petrol station* tiġi *upgraded* mill-iktar fis possibbli, inkluż li jinbidlu t-tankijiet eżistenti u dan fid-dawl ta' diversi lmenti li l-Kunsill Lokali rċieva matul is-snin rigward irwejjeħ ta' petrol u diesel fid-djar viċin l-istess *petrol station.*

2. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jifhem li fil-futur immedjat mhux possibbli li l-imsemmija *petrol station* tiġi trasferita għal zona oħra li ma tkunx fiċ-ċentru storiku tal-lokalità u dan peress li pass bħal dan bilfors ikun jinvolvi t-teħid ta' art lil hinn mill-konfini tal-iżvilupp, liema art sallum la ġiet identifikata u lanqas hija disponibbli.

3. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jifhem ukoll li kwalunkwe xogħlijiet deskritti fl-imsemmija applikazzjoni ser isiru b'ħarsien sħiħ għall-Kappella ta' Santa Marija ta' Ċwerra li tinsab biswit l-imsemmija *petrol station*

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**331.4 Proġetti b'fondi mill-Unjoni Ewropa**

331.4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien ġie nfurmat li l-iskema għall-irranġar ta' ħitan tas-sejjiegħ tinsab miftuħa. Hu ppropona li l-Kunsill japplika għal dawn il-fondi biex ikunu rranġati ħitan tas-sejjiegħ li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill. Huwa spjega li matul il-jiem ta' qabel is-seduta huwa flimkien mas-Segretarju u l-Perit tal-Kunsill kien wettaq eżerċizzju biex jiġu identifikati ħitan tas-sejjiegħ li jistgħu jitranġaw permezz ta' din l-iskema. Huwa ppreżenta lista ta' dawn il-ħitan u li tinsab mehmuża ma' dawn il-minuti. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika għal dawn il-fondi skont din il-lista u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

331.4.2 Is-Sindku semma wkoll li sar proċess ta' identifikazzjoni ta' toroq rurali biex jingħataw wiċċ ġdid b'fondi mill-Unjoni Ewropea. Is-Sindku ppreżenta lista ta' dawn it-toroq skont ordni ta' prijorità. Kopja ta' din il-lista tinsab mehmuża ma' dawn il-minuti. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill japplika għal dawn il-fondi skont din il-lista u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 20 ta' Frar 2017.

| | |
|---|---|
| L-Avukat Karol Aquilina | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |